TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 578/10

**Anthony Ellul**

**vs**

**A to Z TV Shopping**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsa u tletin ewro (€35), rappreżentanti prezz ta' *driller* li wara ftit ġralu l-ħsara u ma kienx tajjeb għall-użu.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *driller* mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' ħamsa u tletin ewro (€35), u wara ftit dan kellu l-ħsara u li ma kienx tajjaeb għal aktar użu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u tletin ewro (€35), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi d-*driller* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888